MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-16 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 101/2015

**Fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Kontro-Mandat**
**għall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 131/15**
**maħruġ fit-28 ta' Jannar, 2015 fl-ismijiet:**

**Emmanuel Balzan (KI 552877)**

**vs**

**Francelle Agius (KI 545475M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' **Francelle Agius (KI 545475M)** (minn issa 'l quddiem msejħa "is-sekwestrata"), ippreżentat fl-4 ta' Frar, 2015 fejn għar-raġunijiet hemm spjegati talbet ir-revoka tal-Mandat ta' Sewkestru Kawtelatorju Nru.

131/2015 (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Mandat"), u dan abbażi tal-Artikoli 381, 382 u 836(1)(ċ),(d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-Risposta ta' **Emmanuel Balzan** (minn issa 'il quddiem imsejjaħ "is-sekwestrant"), ippreżentata fl-13 ta' Frar, 2015 fejn għar-raġunijiet hemm spjegati ssottometta illi t-talbiet tas-sekwestrata għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha u dan għaliex il-Mandat huwa ġustifikat u la sar frivolożament u lanqas vessatorjament jew b'*mala fede.*

Rat id-Digriet tagħha tal-5 ta' Frar, 2015 fejn appuntat ir-Rikors għas-smigħ għas-seduta tat-13 ta' Frar, 2015.

Semgħet lill-avukati tal-partijiet jittrattaw ir-Rikors.

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Frar, 2015 fejn ħalliet ir-Rikors għall-provvediment.

Rat l-atti kollha tal-Mandat u l-atti ta' dan ir-Rikors.

**Ikkunsidrat:**

Tqis illi dan huwa rikors għall-ħruġ ta' kontro-mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 131/2015, liema sekwestru kien ippreżentat fit-28 ta' Jannar, 2015.

Is-sekwestrant u s-sekwestrata kellhom relazzjoni bejniethom li minnha kellhom tifel li llum għandu 8 snin. Huma kienu ilhom jikkoabitaw flimkien għal madwar 12-il sena f'post li huwa proprjetà tas-sekwestrata.

Is-sekwestratarju qatt ma ħallas kera sakemm dam jgħix f'dan il-fond mas-sekwestrata, imma jsostni li għamel xi xogħlijiet, spejjeż u benefikati fil-fond inkwisjtoni li qiegħed jitlob il-ħlas tagħhom mingħand is-sekwestrata.

Għall-finijiet tal-Mandat dawn ix-xogħlijiet, spejjeż u benefikati ġew ikkwantifikati mis-sekwestrant fl-ammont ta' €23,000.

Tqis illi s-sekwestrata qiegħda isejjes it-talba tagħha għal ħruġ ta' kontro-mandat abbażi tal-fatt li l-Mandat laqat (i) il-kont li hija għandha ma' APS Bank Malta Limited li fih tirċievi is-salarju mill-uniku impjieg tagħha ma' ARMS Limited u (ii) l-kont li għandha ma' APS Bank Malta Limited li fih is-sekwestrant jiddepożita il-manteniment dovut għall-iben minuri tal-kontendenti, u li hija m'għandha l-ebda introjtu ieħor għajr għas-salarju tagħha u konsegwenza tal-Mandat hija ma għandhiex aċċess għall-fondi biex tkun tista' tmantni il-bżonnijiet bażiċi tagħha u biex tkun tista' trabbi u tgħajjex lil binha minuri u minfejn tħallas għall-ispejjeż ta' saħħa tiegħu.

Is-sekwestrata ssostni wkoll illi hemm garanzija xierqa oħra li tista' tissodisfa l-pretensjoni tas-sekwestrant u dan permezz tal-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor biex tiġi assigurata biżżejjed il-pretensjoni tiegħu ai termini tal-Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Is-sekwestrata tisħaq illi is-sekwestrant huwa pjenament konsapevoli illi l-fond residenza tagħha huwa proprjetà esklussiva tagħha u m'hemm l-ebda djun fuqu[1]. Skont is-sekwestrata, li kieku is-sekwestrant verament ried jikkawtela xi pretensjoni illi għandu, huwa seta' faċilment jippreżenta mandat ta' inibizzjoni fuq ir-residenza taghha, iżda għażel minflok li jimblukkalha kull sors ta' flus sabiex hija u binhom ma jkunux jistgħu jgħixu deċentement u b'hekk tinħoloq pressjoni inevitabbli fuqha.

Raġuni oħra li tadduċi s-sekwestrata favur it-talba tagħha għall-ħruġ ta' kontro-mandat hija li ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-ammont mitlub u milqut bil-Mandat mhuwiex *prima facie*

[1] Kif konfermat mir-riċerki li jinsabu a fol. 52-65 tal-proċess.

ġustifikat jew huwa eċċessiv u dan peress li l-Mandat jindika biss “xogħlijiet, spejjeż u benefikati eżegwiti fuq il-fond” proprjetà tas-sekwestrata, mingħajr ma jindika bl-ebda mod f'hiex kienu jikkonsistu eżattament ix-xogħlijiet, meta saru, u lanqas ma ġew eżibiti xi forma ta' rċevuti jew dokumentazzjoni oħra illi kellhom ċertament ikunu disponibbli f'dan l-istadju sabiex jiġġustifikaw is-somma sostanzjali ta' €23,000.

Min-naħa tiegħu s-sekwestrant wieġeb illi kif sottomess minnu stess fuq il-Mandat, bħala pretensjoni hemm indikat “xogħlijiet u spejjeż u benefikati eżegwiti fil-fond tas-sekwestrata”. Dan, jgħid is-sekwestrant, huwa altru minn biżżejjed biex is-sekwestrata tkun taf xi pretensjonijiet qed jivvanta is-sekwestrant.

Kwantu għad-dar li s-sekwestrata tgħid hija proprjetà tagħha li tista' sservi ta' garanzija suffiċjenti, is-sekwestrant jgħid illi mill-kuntratt tal-akkwist tal-istess dar, jirriżulta illi omm is-sekwestrata bħala venditriċi żammet dritt ta' passaġġ minn ġol-istess dar bħala aċċess għall-kamra tal-bejt. Is-sekwestrant jgħid illi dan id-dritt ta' passaġġ jnaqqas sostanzjalment il-valur tad-dar u li f'każ li huwa jottjeni titolu eżekuttiv fil-konfront tas-sekwestrata u jipproċedi b'subbasta fuq l-imsemmija dar, żgur illi tali proċeduri ma jistgħu qatt ikollhom eżitu fejn il-kreditu tas-sekwestrant jiġi sodisfatt għal kollox.

Tqis illi Artikolu 836(1)(ċ),(d) u (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li fuqu qiegħda tistrieħ is-sekwestrata fit-talba tagħha għar-revoka tal-Mandat, huwa msejjes fuq: (i) aċċertament li jrid isir dwar jekk hemmx garanzija oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-mandat kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' mandat kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni u/jew (ii) eżami *prima facie* li jrid isir biex jiġi aċċertat jekk l-

ammont mitlub li jiġi kkawtelat bil-Mandat huwiex ġustifikat jew le; u/jew (iii) skrutinju li jrid issir dwar jekk fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli:

> *"l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*
> *....*
> *(ċ) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni;*
> *(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;*
> *(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

**<u>L-Artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap. 12</u>**

Tqis illi fir-rigward tal-proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836, il-Qorti kemm -il darba għamlitha ċara illi hija b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritjenew diversi drabi l-Qrati tagħna, l-proċedura maħsuba fl-Artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' *prima facie.* Dan qalitu din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fil-kawża **"Camilleri vs Govè et"** deċiża fl-10 ta' Mejju 2001 b'dan il-kliem:

> *"mid-dispożizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja."*

Tqis illi fl-ambitu tal-eżami *prima facie* li jrid isir minn din il-Qorti skont din il-proċedura sabiex jiġi aċċertat jekk l-ammont mitlub li jiġi kkawtelat bil-Mandat huwiex ġustifikat jew eċċessiv, ikun xi jkun l-eżitu ta' dan l-eżami *prima facie,* kemm jekk tiġi milqugħha t-talba għar-revoka tal-Mandat u kemm jekk ma tiġix milqugħha, dan bl-ebda mod m'għandu jaffettwa l-eżitu tal-kawża dwar il-mertu.

Tqis illi f'każ li tiġi milqugħha t-talba għall-ħrug ta' kontro-mandat wara l-aċċertament *prima facie* li jrid isir skont din il-proċedura, xorta waħda t-talbiet fil-mertu jistgħu jirnexxu wara li jkunu nstemgħu l-provi kollha fil-kawża proprja bejn il-partijiet.

Bl-istess mod f'każ li t-talba għall-ħruġ ta' kontro-mandat tiġi miċħuda wara l-eżami *prima facie* li jsir skont l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, dan ma jfissirx li t-talbiet fil-mertu bilfors se jirnexxu. Eżami *prima facie* huwa wieħed preliminari, mhux fil-fond u dak li jirriżulta mad-daqqa ta' għajn.

Tqis mad-daqqa t'għajn is-sekwestrant ma ġab ebda prova, imqar waħda *prima facie* permezz ta' irċevuti jew dokumentazzjoni oħra dwar l-ispejjeż li qiegħed jallega li huwa għamel fil-fond proprjetà tas-sekwestrata.

Din il-Qorti tqis ukoll li bħala minimu s-sekwestratarju kien tenut f'dan l-istadju preliminari ta' *prima facie* li proprju jindika, anki jekk fuq fuq, in-natura tax-xogħlijiet li huwa għamel u l-spejjeż li huwa nkorra fil-fond inkwistjoni u f'liema snin saru tali xogħlijiet u spejjeż sabiex wasal għas-somma ta' €23,000. Kemm fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u anki fit-tweġiba tiegħu fil-kors ta' din il-proċedura, is-sekwestrant naqas illi jagħti indikazzjonijiet li jagħtu mqar ħjiel ta' kif wasal għaċ-ċifra sostanzjali ta' €23,000 li huwa qiegħed jgħid li nefaq.

Din il-Qorti tqis illi t-talba tas-sekwestranta għall-ħruġ ta' kontromandat ai termini tal-Artikolu Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 hija ġustifikata.

**<u>L-Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kap. 12</u>**

Il-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, kien hemm garanzija xierqa oħra fit-termini tal-Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kap. 12 sabiex tissodisfa l-pretensjoni tas-sekwestrant, bil-ħruġ ta' mandat kawtelatorju ieħor, u ċjoè billi ssir talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fuq il-fond residenza tas-sekwestrata. Kieku għażel din it-triq, is-sekwestrant kien xorta waħda jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu suffiċjentement, mingħajr ma jinħolqu diffikultajiet li jaffettwaw il-livell tal-għajxien tas-sekwestrata u b'mod partikolari ta' binhom minuri li għad għandu tmin snin. Fond li jiswa €100,000 u fuqhom, anki jekk bid-dritt ta' passaġġ favur terzi, huwa aktar minn biżżejjed biex jikkawtela il-pretensjonijiet tas-sekwestrant li ġew ikkwantifikati għall-finijiet tal-Mandat fl-ammont ta' €23,000, imma li għad iridu jiġu ppruvati fil-mertu.

Tqis illi t-talba tas-sekwestrata għall-ħruġ ta' kontromandat taħt l-Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kap. 12 ukoll hija ġustifikata.

**<u>L-Artikoli 381 u 382 tal-Kap. 12</u>**

Filwaqt li s-sekwestrata tgħid illi ma jistgħux jinħarġu mandati ta' sekwestru fuq *(a) salarju jew paga (magħudin il-bonus, allowances, overtime u ħlasijiet oħra)*, min-naħa tiegħu is-sekwestrant isostni li a tenur tal-Artikolu 382(1) tal-Kap. 12 il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru jgħodd fuq dik il-parti li teċċedi s-somma ta' €698.81 u għalhekk hija s-somma ta' €698.81 mill-aħħar paga li mhijiex sekwestrabbli.

Iżda l-proviżo għall-istess Artikolu 382(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> *"jekk id-debitur jagħmel rikors li fih juri għas-sodisfazzjon tal-qorti li huwa jkollu bżonn dak l-eċċess jew parti minnu għall-manteniment tiegħu jew għall-manteniment tal-familja tiegħu, il-qorti għandha tħassar il-mandat ta' sekwestru dwar dak l-eċċess jew dik il-parti minnu, u wara hekk l-imsemmi mandat għandu jitqies li jkun u li kien mingħajr effett safejn ikun ġie revokat…".*

Tqis illi s-sekwestrata uriet għas-sodisfazzjon tal-qorti li hija għandha bżonn l-eċċess tas-salarju tagħha fuq l-imsemmija somma ta' €698.81 għall-manteniment tagħha u ta' binha minuri u li anki għal din ir-raġuni huwa mistħoqq li l-Mandat jiġi revokat.

Tqis illi wara li eżaminat il-kontenut tar-Rikors, u kif is-sekwestrat wieġeb għar-Rikors, il-Qorti tikkonkludi li l-ammont mitlub fil-Mandat mhuwiex *prima facie* ġustifikat, u li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġonevoli li l-Mandat jinżamm fis-seħħ u li għalhekk jeżistu l-elementi rikjesti mil-liġi sabiex jiġi

revokat il-Mandat fit-termini tal-Artikoli 382 u 836(1)(ċ),(d) u (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talba tas-sekwestrata għar-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju Numru 101/15 maħruġ fl-28 ta’ Jannar, 2015 fl-ismijiet Emmanuel Balzan (KI 552877M) vs Francelle Agius (KI 545475M), kif dedotta fir-rikors tagħha tal-4 ta’ Frar, 2015. L-ispejjez ta’ din il-proċedura jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali dwar l-kawża fil-mertu bejn il-partijiet.**

**Onor. Dr. Lawrence Mintoff LL.D.**

**Imħallef**

**Frederick Stagno Navarra**

**Dep. Reġ.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------